Solennità tat-Trinità Qaddisa



# Aħbar Tajba

Eżodu 34, 4b-6.8-9
Dan 3, 52.53.54.55.56
2 Kor 13, 11-13
Ġw 3, 16-18

**"Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni,**
biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."

Darba kien hemm qassis żagħżugħ li kien iħossha diffiċli ħafna biex jipprepara l-omeliji. Ma tantx kellu esperjenza, u meta kien imiss xi Evanġelju diffiċli kien iħossu mitluf. Darba minnhom kien qiegħed fis-sagristija jitħaddet ma' żewġ qassisin oħra u qasam ftit l-inkwiet tiegħu magħhom. Wieħed minn sħabu l-qassisin dlonk wieġbu li hu flok jitkellem fuq affarijiet diffiċli kien jitkellem fuq l-imħabba, hekk jew hekk, qal hu, mur ara x'kienu se jifhmu kieku joqgħod jitkellem fuq it-Trinità!? Dak il-ħin mill-kor ħareġ saċerdot anzjan li b'nofs tbissima qalilhom: "Għaliex ma titkellmux fuq it-tnejn li huma?" Il-qassis żagħżugħ ma fehemx x'ried jgħid u għalhekk l-anzjan reġa' qallu: "Għax ma tkellmuhomx fuq it-Trinità u fuq l-imħabba. Mhux l-istess suġġett!?" U kif spiċċa dan il-kliem, qam u telaq lejn id-dar. Imma kien ħalliehom jaħsbu u l-Ħadd ta' wara l-qassis żagħżugħ għamel waħda mill-isbaħ riflessjonijiet li qatt għamel fil-quddiesa. Qatt ma gerger aktar fuq suġġetti diffiċli, għax dak is-saċerdot anzjan kien urieh il-qalba tal-fidi tagħna.

Tgħiduli: "X'ried ifisser dak il-qassis anzjan li t-Trinità Qaddisa u l-imħabba huma fl-aħħar mill-aħħar l-istess suġġett?" Fil-qalba tal-fidi tagħna nsibu li Alla huwa wieħed fi tliet persuni – Missier, Iben u Spirtu s-Santu. Madankollu dawn it-tliet persuni huma Alla wieħed. Dan il-fatt iħallini bla kliem. Kif jista' jkun tliet persuni jkunu entità waħda? Din kienet id-diffikultà li dak il-qassis żagħażugħ ma setax isib il-kliem biex jispjega. Imma l-Ħadd ta' wara, x'ħin beda l-omelija, b'kalma kbira qalilhom "X'jagħmel tnejn min-nies ħaġa waħda?" Wara li ħalla pawsa qasira qalilhom: "L-imħabba." L-imħabba tagħmel tnejn min-nies ħaġa waħda. Meta niċċelebraw żwieġ inkunu qed niċċelebraw żewġ persuni li bl-imħabba tagħhom ingħaqdu u saru ħaġa waħda. Imma minn fejn ġejja din l-imħabba? Aħna maħluqin xbieha ta' Alla, biex ngħidu hekk nixbhuh, bħalma iben jixbah lill-ġenituri tiegħu. Ma jkunx bħalhom eżatt imma jixbahom. L-istess aħna, l-imħabba hija waħda mill-affarijiet li biha nixbhu lil Alla. Alla mhux biss iħobb imma Alla huwa mħabba, u allura l-imħabba tiegħu tagħmel tliet persuni f'għaqda sħiħa – Alla wieħed. Ovvjament, l-imħabba tagħna mhux l-istess bħal dik ta' Alla. L-imħabba ta' Alla hija perfetta u sħiħa waqt li tagħna kultant tonqos xi ftit. Imma llum, meta niċċelebraw il-festa tat-Trinità, nfakkru lil xulxin il-qawwa kbira li Alla tana.

**Sib il-Kelma**

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ĠESÙ, NIKODEMU, ALLA, ĦABB, DINJA, IBNU, ĦAJJA, DEJJEM, SSALVA, JEMMEN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | I | K | O | B | E | M | U | M | S |
| GĦ | E | S | Ù | S | A | L | V | J | P |
| J | E | N | N | E | M | N | S | E | I |
| D | IE | J | J | E | M | GĦ | S | M | R |
| M | I | S | S | IE | R | S | A | M | T |
| GĦ | A | X | A | L | L | A | L | E | U |
| Ħ | A | B | K | K | E | H | V | N | Ħ |
| D | E | J | J | E | M | Ġ | A | T | A |
| L | N | I | K | O | D | E | M | U | J |
| I | A | L | L | A | I | S | Ħ | N | J |
| D | I | B | E | N | N | Ù | A | A | A |
| D | A | L | A | T | J | I | B | N | U |
| I | N | J | L | I | A | T | B | A | L |


MISSIER
ALLA
IBEN
SPIRTU S-SANTU



**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Id-dinja tgħidilna biex infittxu s-suċċess, il-poter u l-flus; Alla jgħidilna biex infittxu l-umlità, is-servizz u l-imħabba."

X'inhuma l-valuri li tħaddan f'ħajtek? Il-valuri tad-dinja jew inkella dawk li jsejħilna għalihom Alla?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!

www.sayitmalta.com

32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION